# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 301/2012/2 AGV**

**Ann Abela**

**v.**

**Jonathan Gauci**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta l-appell prinċipali tal-konvenut u l-appell inċidentali tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' April, 2020 dwar il-kura u kustodja ta' iben il-partijiet u manteniment għalih.

2. Mill-atti jirriżulta li:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf preżentat fil-21 ta' Diċembru 2012, l-attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

*"1. Illi r-rikorrenti Ann Abela u l-konvenut Jonathan Gauci m'humiex mizzewwgin izda frott ir-relazzjoni ta' bejniethom twieled il-minuri Jayden Gauci (u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. A);*

*"2. Illi llum il-gurnata ir-relazzjoni ta' bejniethom tkissret b'mod irrimedjabbli;*

*"3. Illi l-minuri Jayden Gauci jghix mar-rikorrenti b' access favur l-intimat;*

*"4. Illi r-rikorrenti umilment tirrileva li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, tigi fdata f' idejn ir-rikorrenti, ommu u dan kif ser jigi ppruvat matul il-kawza;*

*"5. Illi r-rikorrenti tirrileva li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jkollu rutina stabbilita fejn tkun jaf f' liema granet ser ikun ma' missieru u f' liema hin;*

*"6. Illi ai termini ta' digriet datat 17 ta' Novembru, 2011, l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' 140 Ewro fix-xahar ghall-minuri oltre' nofs l-ispejjez edukattivi u medici ghall-istess minuri (Ara Dok AA 2, hawn anness), liema somma r-rikorrenti ma thossx li verament tirrifletti l-bzonnijiet talminuri;*

*"7. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhietx ghal ragunijiet imputabbli mill-intimat fosthom minhabba l-fatt li bl-ebda mod ma ried jipprova jasal ghal xi forma ta' kompromess u fuq kollox wara li r-rikorrenti ghamlet minn kollox biex tasal ghal ftehim amikevoli, u kkoncediet diversi aspetti bil-ghan li tigi evitata il-kawza odjerna, l-intimat irrifjuta li jersaq ghal kuntratt u r-rikorrenti giet awtorizzata li tintavola din il-kawza u kif inhu evidenzjat mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, datata d- 9 ta' Novembru, 2012 ( Dok AA3 hawn anness);*

*"Ghaldaqstant ighid l-intimat ghaliex dina Onorabbli Qorti ma ghandhiex;*

*"1. Tiddikjara u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Jayden Gauci f'idejn ir-rikorrenti ommu;*

*"2. Tiffissa u tillikwida manteniment adegwat ghall-istess minuri favur r-rikorrrenti, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll spejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;*

*"3. Tordna lill-intimat ihallas dak il-manteniment hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti f'data partikolari kull xahar, liema ammont ghandu jithallas direttament f'kont bankarju indikat mill-istess rikorrenti;*

*"4. Taghti kull ordni ohra li jidhrilha xieraq u opportuna fic-cirkostanzi.*

*"Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa, ingunt in subizzjoni."*

2.2. Permezz ta' risposta maħlufa datata 8 ta' Frar 2013,[1]

*"1. Illi b' referenza ghall-ewwel talba l-esponent jirrispondi li huwa ma jaqbilx li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f' idejn ir-rikorrenti esklussivament izda ghandha tigi fdata lilu u dan stante li r-rikorrenti mhux l-iktar persuna idoneja sabiex tiehu hsieb il-minuri u dan ghal diversi ragunijiet li ser jaghti spjegazzjoni taghha aktar fid-dettall tul ittrattazzjoni tal-kawza. Illi qabel ma nbdew il-proceduri tal-medjazzjoni, il-minuri kien iqatta' l-maggiorparti tal-gimgha mieghu u kien fil-passat li ghamel diversi xhur fejn hu kien primarajment jiehu hsieb il-minuri;*

*"2. Illi rigward it-tieni talba prezentament, l-esponenti qed ihallas il-manteniment kif degretat minn dina il-Qorti, permezz ta' digriet taghha tas-17 ta' Novembru 2011. Illi fl-eventwalita' li l-ewwel talba tar-rikorrenti tigi milqugha huwa ma jaqbilx li dan il-manteniment, ghandu jigi awmentat tenut kont tal-fatt tal-mezzi tieghu, l-bzonnijiet tal-minuri u tal-introjtu tar-rikorrenti li huwa ferm aktar minn tieghu;*

*"3. Illi l-esponent jopponi ghat-tielet talba u dan stante fost affarijiet ohra li huwa dejjem kien puntwali fil-pagament tal-istess manteniment.*

*"4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

2.3. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' April 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet il-kawża billi:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u kustodja eskluzziva lill-attrici, b'dana li l-konvenut ghandu jkollu access kull nhar ta' Tlieta u l-Erbgha mill- 4pm sat-8.pm, nhar ta' Gimgha mill-5 pm sal-5 pm l-ghada u alternate weekend mill-5 pm sal-5 pm. It-tifel ghandu jingabar u jitwassal quddiem l-Ghassa tal-Mellieha. Il-Qorti tirrakkomanda li l-*

[1] Fol. 17 *et seq*.

*partijiet ghandhom jattendu mill-aktar fis kors ta' co-parenting ghar-ragunijiet suesposti.*

*"2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €230 kull xahar, li ghandhom jizdiedu kull sentejn kif hawn fuq deskritt, flimkien ma' nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, hlief ghal dawk relatati mal-ghawm u l-pjanu li ghandhom jithallsu mill-konvenut.*

*"3. Tilqa' t-tielet talba.*

*"L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet."*

3. Il-konvenut appella[2] mis-sentenza u ilmenta min-nuqqas ta' apprezzament tal-provi u jinsisti li huwa kellu jingħata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

*"tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata deċiża nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fl-ismijiet premessi u konsegwentmenet tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellant, jew inoltre' taġixxi fid-dettami tal-artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u takkorda konġuntivament il-kura u kustodja tal-minuri, b' dan li l-manteniment jibqa' fl-ammont kif deċiż mill-Ewwel Onorabbli Qorti u l-aċċess jiġi varjat kif indikat permezz ta' dan l-umli appell, bl-ispejjeż kontra l-appellata."*

4. L-appellata, filwaqt li wieġbet li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud, ippreżentat ukoll appell inċidentali. L-aggravji huma: (i) illi hemm aspetti relatati mal-kura u kustodja tal-minuri li ma ġewx indirizzati mill-ewwel Qorti; (ii) illi hemm aspetti relatati mal-aċċess tal-minuri li ma ġewx indirizzati mill-ewwel Qorti; (iii) illi l-ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta stabbilit il-manteniment; u (iv) l-kap tal-ispejjeż.

---

[2] Fol. 655.

5. Il-konvenut appellant wieġeb[3] li l-appell inċidentali tal-attriċi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontriha.

KONSIDERAZZJONIJIET

6. Il-fatti prinċipali huma s-segwenti:

6.1. Minn relazzjoni bejn il-partijiet twieled il-minuri fit-28 ta' Settembru, 2008;

6.2. Il-partijiet qatt ma għexu flimkien u meta twieled binhom t-tnejn li huma kienu jgħixu mal-ġenituri rispettivi tagħhom;

6.3. L-attriċi kienet għadha fl-aħħar sena tal-Universita` meta twieled it-tifel u għalhekk, iben il-partijiet kien iqatta' numru sostanzjali ta' ġranet fil-ġimgħa għand il-missier fid-dar tan-nanniet paterni sabiex l-attriċi jkollha l-ħin tkompli bl-istudju;

6.4. L-attriċi tgħid illi l-konvenut iffissa fuq it-tarbija u tilef kull interess fl-attriċi. Min-naħa l-oħra l-konvenut sostna li l-attriċi kemm-il darba ppruvat ittemm it-tqala u wara li b'xorti tajba welldet tarbija

[3] Fol. 677 *et seq*.

b'saħħitha, ma kinitx tieħu ħsieb il-minuri Jayden kif jixraq. Dawn il-kuntrasti ta' opinjonijiet effettivament wasslu sabiex il-partijiet infirdu;

6.5. Meta l-partijiet iddeċidew li jtemmu r-relazzjoni ta' bejniethom il-minuri kellu madwar għaxar xhur.[4] Sa żmien sena l-konvenut kien jagħti lill-attriċi €115 fix-xahar għall-minuri li kien igħix l-iktar magħha.[5]

6.6. Wara li l-partijiet infirdu, bi ftehim bejniethom, il-konvenut u l-ġenituri tiegħu baqgħu jieħdu ħsieb il-minuri Jayden nhar ta' Tnejn, nhar l-Erbgħa u l-Ġimgħa mit-8:30a.m. sat-8:30p.m. kif ukoll mis-Sibt fil-5:00p.m. sal-Ħadd fil-5:30p.m.;[6]

6.7. Fil-mori tal-medjazzjoni l-attriċi naqqset l-aċċess tal-missier għal darbtejn fil-ġimgħa (it-Tnejn u l-Erbgħa) mit-8:00a.m. jew wara l-iskola (skont il-każ) sat-8:00p.m. kif ukoll bejn nhar ta' Sibt mill-4:30p.m. sal-Ħadd fis-6:00p.m. għal tliet ġimgħat konsekuttivi u r-raba' ġimgħa bejn nhar ta' Ġimgħa mit-8:00a.m. jew wara l-iskola (skont il-każ) sas-Sibt fl-10:30a.m;

[4] Fol. 177.
[5] Fol. 22.
[6] Fol. 117, 124.

6.8. Ukoll fil-mori tal-medjazzjoni, fis-27 ta' Settembru 2011, il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex jibda jħallas manteniment ta' €140 għat-tifel u nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi;[7]

6.9. L-attriċi marret tgħix għal rasha flimkien mal-minuri Jayden fl-14 ta' Jannar 2012;[8]

6.10. B'digriet mogħti fit-23 ta' Marzu 2017,[9] l-aċċess tal-missier tnaqqas għal nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa bejn l-4:00p.m. u t-8:00p.m. u b'mod alternat mill-Ġimgħa fl-5:00p.m. sas-Sibt fil-5:00p.m. u mis-Sibt fil-5:00p.m. sal-Ħadd fil-5:00p.m. b'dan illi l-aċċess ta' matul il-ġimgħa jkun taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ filwaqt li dak ta' tmiem il-ġimgħa jkun monitorat mill-istess aġenzija;[10]

6.11. B'digriet mogħti fis-27 ta' April 2017, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet li b'effett minn dakinhar il-manteniment *pendente lite* pagabbli mill-missier lill-omm għall-minuri jiżdied għal mitejn u tletin Ewro (€230) fix-xahar, li jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa.[11]

---

[7] Fol. 50.
[8] Fol. 82.
[9] Wara r-rikors tal-konvenut tas-17 ta' Jannar 2017.
[10] Skont rapport ippreżentat minn Christina Debono u Andreana Gellel a nom tal-Aġenzija Appoġġ (fol. 590) l-Aġenzija saret taf b'dan id-digriet f'April 2018 peress li ħadd mill-partijiet ma ġabu a konoxxenza tagħhom qabel. Wara diversi nkontri mal-partijiet u l-minuri rrakkomandaw li l-partijiet għandhom jattendu kors tal-*co-partenting* iżda m'hemmx ħtieġa li l-aċċess tal-missier ikun superviżjonat.
[11] Fol. 534.

L-Apprezzament tal-Provi.

7. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Din il-Qorti kemm-il darba qalet:

> *"Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."*[12]

8. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-ewwel grad għal dak li jikkonċerna l-kura u l-kustodja tal-minuri kienu testwalment is-segwenti:

> *"L-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja eskluzziva tal-minuri Jayden.*
>
> *"Il-minuri Jayden twieled fit-28 ta' Settembru, 2008 minn relazzjoni li kellhom l-partijiet. Wara li twieled il-minuri, il-partijiet hassru r-relazzjoni. Jirrizulta li kien hemm wisq piki u wisq idejat kontrastanti ghal dak li jirrigwarda t-trobbija tal-minuri. L-attrici kienet ghadha qed tistudja l-Universita' u sabet ruhha tqila, meta din ma kinitx ippjanata. Il-konvenut jakkuza lill-attrici, li ma kinitx disposta li tassumi r-responsabbilitajiet taghha bhala omm, filwaqt li hu kien dispost li jbiddel hajtu ghat-tifel.*
>
> *"L-attrici ma tichadx li ghall-bidu sabitha difficli biex trabbi lill-minuri, meta kienet ghadha qed tistudja u fil-fatt fiz-zmien l-ezamijiet, peress li l-minuri kien qed itella' s-snien u ma tantx kien qed ihalliha torqod,*

[12] *L-Agent Direttur tal-Ufficcju Kongunt v. Vellul Limited et*, mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar 2021.

*kienet talbet lill-konvenut sabiex izommulha. Fil-fatt, il-minuri kien ikun mal-missier, kull nhar ta' Tnjen, l-Erbgha u l-Gimgha u mbaghad jorqod ghandha mis-Sibt ghall-Hadd.*

*"Maz-zmien, jirrizulta li l-partijiet ghaddew minn sensiela ta' piki bejniethom, kulhadd iwahhal f'xulxin biex juri min hu l-ahjar genitur. L-attrici tkun ix-xoghol il-maggorparti tal-hin sal-5.00 pm, pero' gieli jkollha tara xi klijenti privati u ghalhekk gieli tirritorna tard biex tigbor lill-minuri minghand ommha jew minn hdejn l-ghassa tal-Mellieha meta jkun imissu mal-konvenut.*

*"L-attrici spjegat li malli tasal id-dar, tiddedika l-hin lit-tifel minuri, jaghmlu l-homework, jieklu u jaraw xi film. Mill-provi jirrizulta li xi kultant l-attrici ssib problema biex tibbilancja l-hajja taghha bhala omm u l-hrug, ghax tiehu l-minuri maghha u mhux dejjem l-ambjent huwa adattat ghall-minuri, apparti mill-fatt li hi ma nnegatx li hafna minn hbiebha huma koppji u m'ghandhomx tfal.*

*"Apparti minn dan il-fatt, jidher li ma jezistux problemi bejn l-omm u l-minuri, ghax anke meta l-ghalliema tal-iskola gew intervistati minn Ingrid Vassallo, social worker li giet inkarigata mill-Qorti biex taghmel assessment tas-sitwazzjoni tal-minuri Jayden. Gie stabbilit li "jmur l-iskola regolari, jkun liebes dejjem pulit u nadif u dejjem ikollu ikel frisk u abbundanti. It-tifel huwa intelligenti u jlahhaq sewwa max-xoghol li jinghata kemm fil-klassi kif ukoll ghad-dar. L-okkazzjonjiiet meta m'ghamilx il-homework kienu rari u l-ghalliema hija tal-fehma li f'dawn l-okkazzjonijiet kienet htija tat-tifel ghax ma kienx attent, iktar milli talgenitur."*[13]

*"Ms. Coleiro, il-headmistress tal-iskola fejn attenda l-minuri, tispjega li kien hemm xi zmien li t-tifel ma kellux kwiet, partikolarment meta kien izghar u kellu problema ta' attenzjoni, pero' kien jattendi "nurture class" biex ighinuh kif ghandu jgib ruhu u jkollu cans johrog mixja jekk ikun idejjaq.*

*"Dawn kollu huwa kontra dak li jsostni l-konvenut li jinsisti li l-attrici terfa' idejh fuq il-minuri, ghax gieli rah xi tbengil u taghtu kastig u kien jikkonfronataha wara li kien ighidlu l-minuri, Jinsisti li kienet thallih mahmug u lanqas kienet tbiddilu l-hwejjeg ta' taht u lanqas ma kienet taghtih lunch l-iskola suret in-nies. Il-konvenut jinsisti li l-attrici trabbih b' mod aggressiv, ghax hekk trabbiet u b'dixxiplina wisq iebsa.*

*"Il-konvenut ipingi lill-attrici bhala omm li tippreferi tohrog u taghti priorjita' lill-hrug u lill-hbieb u tixrob u gieli tkun fis-sakra, anke fil-presenza tal-minuri. L-attrici tahseb li l-missier huwa wisq ossessjonat bil-minuri u kulma taghmel huwa hazin.*

---

[13] Ara fol. 328 tal-proċess.

*"Dina l-Qorti tista' tibqa' ghaddejja ssemmi l-pataflun ta' ezempji li semmew il-partijiet, partikolarment il-konvenut, biex jixhtu dawl ikrah fuq xulxin. Sfortunatament, ir-relazzjoni ta' bejniethom qalbet ghall-aghar sew, tant li l-partijiet lanqas jirnexxielhom jikkomunikaw fuq l-icken haga, li ma jispiccawx jargumentaw. Hafna drabi anke l-komunikazzjoni ssir tramite emails u messaggi, fejn jispiccaw jinsultaw lil xulxin. Dan l-agir mhu xejn rakkommandabbli, partikolarment, meta llum it-tifel minuri qed jikber u jhoss il-velenu li jezisti bejn il-genituri tieghu u dan jista' jhalli impatt negattiv fuqu.*

*"Kif accennat is-social worker Ingrid Vassallo meta tkellmet mat-tifel minuri kien jidher iktar anzjuz meta mar flimkien man-nanna paterna. Kien kontinwament irid jaccerta ruhu li jiftakar dak kollu li kien kiteb fil-pitazz, filwaqt li qal li ried ighid dak kollu li kien kiteb. Fi kliem l-istess social worker "Dan jista' jkun sinjal li l-minuri gie "coached" biex jghid certu affarijiet, specjalment meta f'laqgha ezatt simili ma qal xejn minn dan kollu. Fil-fatt l-argumenti li beda jipprezenta l-minuri dak in-nhar kienu ezatt l-istess argumenti li pprezenta Jonathan Gauci ftit jiem qabel."*[14]

*"Differenti kien l-atteggjament tal-minuri meta gie akkumpanjat minn nanna materna, ma kienx anzjuz u kien aktar mohhu biex jilghab, haga normali ghat-tifel tal-eta' tieghu, tenniet tghid Ingrid Vassallo.*

*"Il-Perit Psikologa Carmen Sammut, innutat ukoll li l-konvenut huwa iktar iffukkat fuq il-minuri. Meta tkellmet mieghu ma semma xejn hlief xoghol u t-tifel. Jidher li hajtu ma ddur ma xejn izjed. Ziedet tghid, li anke forsi dina hija sitwazzjoni ideali u huwa l-genitur li forsi jista' jiddedika iktar hin lill-minuri, izda "kollox ghandu l-limitu tieghu, u meta t-tfal ikunu luniku skop tal-hajja tal-genitur, hemm tendenza li tal-ahhar jibda jara li t-tfal qedghin hemm ghalih jew ghaliha biss, bil-piz zejjed li din tpoggi fuq it-tfal ghax jibdew ihossuhom responsabbli ghall-genitur taghhom. Hemm ir-riskju li t-tifel jigi mbieghed iktar mill-genitur l-iehor, xi haga li hi ta' dannu ghat-tfal ghax huma ghandhom bzonn relazzjoni tajba maz-zewg genituri taghhom."*

*"Dina l-Qorti, minn dak li rat u semghet hija konvinta minn dan kollu li rrizulta lil Dr. Carmen Sammut u dan meta jidher car li l-konvenut kontinwament jaghmel interrogatorju lill-minuri biex isib l-icken haga biex iwahhal fl-attrici.*

*"Ciononostante, l-attrici mhi xejn perfetta. Hija omm li tahdem, ghandha impjieg impenjattiv u tipprova taghmel l-almu taghha biex tlahhaq ma' kollox, hajja pjuttost komuni fis-socjeta' moderna. Li forsi hemm nuqqas da parti tal-attrici, hi li ghandha tirrealizza li ghandha tifel li ghadu minorenni u ghandha tipprova tibbilancja hajjitha ahjar, fis-sens li jekk kemm il-darba trid tohrog u forsi mhux post il-minuri jew ghax hemm adulti biss jew ghax ser tittardja u l-ghada t-tifel ghandu l-iskola,*

[14] Ara fol. 329 tal-proċess.

> *ghandha tikkoopera izjed mal-konvenut, li milli jidher huwa disponibbli biex izomm il-minuri. Wiehed jifhem li wara gimgha xoghol ikollha bzonn l-izvog taghha u daqstant il-konvenut. Apparti minn hekk l-attrici ukoll gieli ddoqq il-vjolin waqt xi tieg jew avveniment u dawn generalment jinzammu s-Sibtijiet.*
>
> *"Il-Qorti ghalhekk tissollecita l-partijiet sabiex jifhmu li minkejja d-divergenzi bejniethom, ghandhom iharsu l-ewwel u qabel kollox l-interessi tal-minuri u jikkooperaw sabiex dik l-istabbilita' tintlahaq f'hajtu. Dak li hu tajjeb ghalihom ma jfissirx li huwa tajjeb ghall-minuri. Ikun opportun li jattendu co-parenting course u dan ukoll gie rrakkomandat mis-social workers tal-Agenzija Appogg, Christina Debono u Andreana Gellel.*[15]
>
> *"Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti thoss li ghar-ragunijiet suesposti, il-minuri ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja eskluzziva tal-attrici."*

9. Din il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-konsiderazzjonijiet jagħtu stampa ċara tal-provi miġbura kif ukoll dawk li huma r-raġunijiet li wasslu lill-Qorti tal-ewwel grad tilqa' l-ewwel talba attriċi u b'hekk tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Jayden lill-appellata. It-tifel ilu issa s-snin igħix mal-attriċi u ma jidhirx li hemm xi raġunijiet gravi li għandhom iwasslu lil din il-Qorti biex tibdel dak il-fatt.

10. L-appellant jilmenta illi l-Qorti tal-ewwel grad ma qisitx '*in-nuqqasijiet inġenti perpetrati mill-appellata',* ossija li skontu: it-tifrik tar-relazzjoni bejn il-partijiet kien dovut għall-fatt illi l-appellata ppruvat ittemm it-tqala; l-appellata riedet tirreġistra t-tarbija bħala *father unknown* sabiex tieħu l-benefiċċji soċjali; għall-appellata l-prijorita` hi li toħroġ tiddeverti ma' sħabha, ukoll billi toħroġ lill-minuri magħha f'kuntesti u

---

[15] Ara fol. 591 tal-proċess.

f'ħinijiet mhux adegwati għat-tfal, filwaqt li hu u familtu għamlu sforzi kbar sabiex jieħdu ħsieb il-minuri l-ewwel u qabel kollox; u illi l-appellata kienet issawwat lill-minuri bħala mezz ta' dixxiplina.

11. In linea ta' prinċipju ġenerali ssir referenza għas-sentenza Joseph u Lorenza konjugi Mercieca v. Melvin u Josephine konjugi Depasquale deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-24 ta' Mejju 2006:

> *"... gudikant ma huwiex tenut li joqghod jivvaluta singolarment ir-rizultanzi processwali kollha jew li jikkonfuta l-argomentazzjonijiet kollha tal-partijiet b' rikjam ghal-ligi. Hu sufficjenti li wara li javvaluta l-argomenti ta' naha u ta' ohra fil-kumpless taghhom, jindika dawk l-elementi li fuqhom hu jkun qed jibbaza l-konvinciment tieghu. Implicitament, ghandu jkun bil-wisq logiku, illi r-riljevi jew cirkostanzi ohra li ma sabux posthom fis-sentenza kienu qed jitqiesu mill-gudikant bhala inkompatibbli mad-decizjoni adottata. Finalment fuq dan il-punt irid jinghad li kien ikun divers il-kaz fejn il-gudikant ikun qed jiddissenti mill-parir ta' l-espert tekniku in kwantu f' kaz bhal dan, filhsieb tal-Qorti, kienet necessarja dik il-motivazzjoni specifika li tillustra, b' punti ta' fatt jew ta' dritt, ir-raguni lghala hu jkun qed jitbieghed mill-konkluzjoni tar-relazzjoni teknika. Fil-kaz taht ezami tali sitwazzjoni ma tinsorgix..."*

12. F'dan il-każ, l-allegazzjonijiet li jagħmel referenza għalihom l-appellant permezz ta' dan l-aggravju kienu lkoll miċħuda mill-attriċi appellata u ma tirriżulta l-ebda prova konkreta fir-rigward. Dan apparti, il-kawża preżenti m'hijiex waħda ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti u għalhekk huwa superfluwu min mill-partijiet ikkawża l-firda bejniethom jew min minnhom qiegħed jimpika l-aktar. Dan apparti li dak li seta' ġara qabel twieled it-tifel m'huwiex rilevanti issa li t-tifel għandu tnax-il sena.

13. Din il-kawża bejn żewġ persuni li qatt ma kienu miżżewġa dwar il-kura u kustodja ta' binhom minuri u l-manteniment dovut għall-istess għaliex il-partijiet ma kinux kapaċi jiftehmu bejniethom fir-rigward. L-element l-iktar rilevanti hu l-aħjar interess tal-minuri. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma' tistax tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq dak li ġara qabel it-twelid jew meta t-tifel kien għadu tarbija tat-twelid.

14. Kien għalhekk li l-Qorti tal-ewwel grad straħet prinċipalment fuq ir-relazzjonijiet tal-esperti li qablu li għalkemm l-omm għandha n-nuqqasijiet tagħha,[16] kien l-atteġġament tal-missier fil-konfront tal-omm li kien qed jikkawża l-akbar ħsara lill-minuri:

14.1. Il-Psikologa Carmen Sammut fil-fatt qalet[17] illi t-tifel jara lilu nnifsu bejn il-ġenituri tiegħu u li missieru għażel li ma jibqax ma' ommu minħabba l-atteġġament tagħha lejh.[18] Tgħid ukoll li meta tat appuntament lill-missier mat-tifel f'ħin meta ma kellux aċċess, b'xi mod ftiehem mal-omm u attendew, iżda meta l-omm ingħatat appuntament fil-ħin tal-aċċess tal-missier, dan tal-aħħar bagħtilha messaġġ u ilmenta. Tgħid li l-minuri jħoss din l-ansjeta` kollha u għalhekk, ladarba hemm daqstant kunflitt bejn il-partijiet, m'huwiex ta' ġid għall-minuri li l-partijiet ikollhom kura u kustodja flimkien ta' binhom. Saħansitra osservat illi

[16] Fol. 348 – 349, 330.
[17] Fol. 342 *et seq*.
[18] Fol. 347.

filwaqt li l-missier jidher aktar iffokat fuq it-tifel, meta t-tfal ikunu l-uniku skop tal-ħajja tal-ġenitur:

> *"'hemm tendenza li ta' l-aħħar jibda jara lit-tfal qegħdin hemm għailh jew għaliha biss, bil-piż żejjed li din tpoġġi fuq it-tfal għax jibdew iħossuhom responsabbli għall-ġenitur tagħhom. Hemm ir-riskju li t-tifel jiġi mbiegħed iktar mill-ġenitur l-ieħor, xi ħaġa li hi ta' dannu għat-tfal għax huma għandhom bżonn relazzjoni tajba maż-żewġ ġenituri tagħhom*."[19]

14.2. Min-naħa l-oħra, is-*social worker* Ingrid Vassallo qalet illi:

> *"... hemm aljenazzjoni sottili għaddejja min naħa ta' missier il-minuri kontra ommu. Fil-fatt il-minuri kien reżistenti illi jitkellem fuq ommu fir-residenza ta' missieru, filwaqt li ma sab l-ebda oġġezzjoni jitkellem fuq missieru fir-residenza ta' ommu ...*
>
> *"... Ġie nnutat li kien hemm drabi fejn il-minuri jibża' jgħid li jiena mort inkellmu, għaliex missieru qallu li 'mhux suppost tkun taf il-mummy.' B'dan il-mod it-tifel qegħdin ituh messaġġ li hemm żewġ realtajiet, dik ta' l-omm u dik tal-missier. Din tissarraf fi ħsara psikoloġika fis-saħħa mentali tat-tifel ..."*

15. Jirriżulta iżda li l-appellant tant huwa mgħomi fil-kunflitt tiegħu kontra l-appellata li baqa' ma fehemx dak li rrapportaw dwaru s-*social worker* u psikoloġa u minflok ma pprova jara x'jista' jagħmel biex ibiddel l-atteġġament tiegħu, ħa lit-tifel l-għassa tal-pulizija tal-Mellieħa sabiex jagħmel rapport kontra ommu.[20] Ħaġa bħal dik ma sservix ta' ġid. It-tfal m'għandhomx ikunu involuti b'dak il-mod fil-kunflitti li jkun hemm bejn il-ġenituri.

---

[19] Fol. 348.
[20] Ara l-atti tar-rikors tas-17 ta' Jannar 2017.

16. *Multo magis* l-appellant qiegħed issa jkompli jinsisti billi jakkuża lill-attriċi b'affarijet li jirrisalu għal żmien meta l-appellata kienet għadha żagħżugħa fl-aħħar sena tal-Universita` li spiċċat tqila mingħajr ebda pjanijiet. Jilmenta li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx li hu u l-familja tiegħu kienu jieħdu ħsieb it-tifel sabiex l-appellata tkun tista' tittermina l-istudji tagħha u li skontu hija m'għandiex tingħata l-kura u kustodja tal-minuri, li dejjem għex prinċipalment magħha, sempliċement għaliex l-appellata okkażjonalment tfittex li jkollha ħajja soċjali. Li jkollha ħajja soċjali ma jfissirx li b'daqshekk l-attriċi kienet qiegħda tittraskura lil binha.

17. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti u tiċħad l-aggravju.

<u>Kura u Kustodja</u>

18. B'dan it-tieni aggravju l-appellant jilmenta li hemm biżżejjed provi li huwa aġixxa bħala *bonus paterfamilias* u għalhekk hu l-persuna li għandha tingħata l-kura u kustodja tat-tifel. Il-Qorti m'hijiex ser toqgħod tirrepeti dak li diġa` intqal b'referenza għall-ewwel aggravju. Għalkemm isemmi li hemm ġurisprudenza li idejalment il-kura u kustodja tingħata liż-żewġ ġenituri, fil-każ in eżami hemm wisq kwistjonijiet. F'dan il-każ kura u kustodja konġunta twassal biss għal tfixkil bla bżonn fit-trobbija tat-tifel. Isostni wkoll li r-rapport tal-perit legali Therese Micallef ġie sfilzat għax l-

appellata żvijat il-Qorti u li l-periti l-oħra maħtura mill-Qorti ma kinux konsistenti. Isostni ukoll l-aċċess tiegħu ġie mnaqqas minħabba f'ittra personali mibgħuta minn missier l-appellata lill-Qorti filwaqt li l-minuri qiegħed ikun kostrett iqatta ġranet waħdu u saħansitra jmidd idejh fil-kċina biex jiekol. Fin-nuqqas li jingħata kura u kustodja esklussiva tal-minuri, jitlob li l-partijiet jiġu konġuntivament vestiti bil-kura u kustodja tal-minuri billi filwaqt li huwa jibqa' jivversa l-istess rata ta' manteniment kif ordnat mill-Ewwel Qorti, jiġi mogħti aċċess kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Erbgħa fejn il-missier jiġbor lill-minuri mill-iskola u jżommu miegħu sad-9pm ta' filgħaxija u jgawdi minn *sleepover* miegħu kull *weekend* b'mod alternat.

19. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva:

i. L-attriċi ipproponiet din il-kawża peress li hu evidenti li l-partijiet m'humiex kapaċi jiftehmu fuq l-affarijiet bażiċi li jolqtu lil binhom;

ii. Sa minn qabel ma nbdew il-proċeduri l-appellant dejjem kellu aċċess ampju għall-minuri u qatt ma kien hemm xi tentattiv ta' aljenazzjoni da parti tal-omm fil-konfront tal-missier appellant;

iii. Ir-rapport tas-*social worker* Therese Micallef ġie sfilzat unikament għaliex ma espletatx l-inkarigu bil-mod li ordnat l-ewwel Qorti.

Filwaqt li kkonstatat l-imġieba tal-minuri mal-missier, m'għamlitx l-istess eżerċizzju mal-omm, liema nuqqas irrenda r-rapport tagħha parzjali u għalhekk nieqes mill-valur probatorju meħtieġ.[21] Dan ġie effettivament ikkonfermat mill-istess *social worker* meta xehdet (fol. 233 *et seq*.). Assolutament m'huwiex minnu li l-ewwel Qorti ġiet żvijata;

iv. Skont l-esperti maħtura mill-Qorti kien l-appellant li pprova jaljena l-omm mit-tifel;[22]

v. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-appellant ħa lill-minuri meta kien għad kellu biss tmien (8) snin, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija fil-Mellieħa biex jagħmel rapport kontra ommu l-appellata għaliex allegatament imbeżżża' minnha. Kien unikament minħabba dan l-episodju li tnaqqas l-aċċess tal-apellant[23] u mhux minħabba l-ittra mibgħuta lill-Qorti minn missier l-appellata;

vi. Skont l-esperti maħtura mill-Qorti, ir-relazzjoni bejn il-partijiet iddeterjorat sal-punt tali li jekk tingħatalhom il-kura u kustodja konġunta tal-minuri, dan se jissarraf biss fi ħsara għall-istess minuri u għalhekk mhux rakkomandabbli.[24] F'kull każ l-appellant ingħata aċċess ampju għall-minuri; u

---

[21] Fol. 304
[22] A skans ta' dilungar bla bżonn ssir referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula fl-aggravju preċedenti.
[23] Ara d-digriet tat-23 ta' Marzu 2017 fl-atti tar-rikors tas-17 ta' Jannar 2017.
[24] Fol. 348.

viii. Il-minuri llum għandu tnax-il sena u għalhekk, kuntrarjament għal dak li qed jipprova jimplika l-appellant, m'hemm xejn ħażin (anzi huwa ta' benefiċċju) li jibda' jitgħallem jieħu ħsieb jagħmel affarijiet bażiċi. Dak iservih għall-futur fil-vjaġġ sakemm jasal biex jieħu l-istat tiegħu. B'daqshekk ma jfissirx li l-omm qiegħda titraskura lit-tifel.

20. Għalhekk m'hemmx raġunijiet validi sabiex il-Qorti tibdel l-ordni li l-kura u kustodja tat-tifel għandha tkun fdata għand l-omm.

21. F'dan l-aggravju, l-konvenut ilmenta wkoll dwar l-aċċess li ddeskrivih bħala *"qasir ħafna"*. Din il-materja ser tiġi kkunsidrata f'dik il-parti tas-sentenza intestata "Aċċess".

22. Il-kura u kustodja tal-minuri Jayden huwa wkoll il-mertu tal-ewwel aggravju tal-appell inċidentali ppreżentat mill-attriċi li tikkontendi li hemm aspetti prattiċi relatati mal-istess li ma ġewx indirizzati mill-ewwel Qorti. Dan b'referenza għall-fatt li d-Dipartiment tal-Passaporti jkun jeħtieġ dikjarazzjoni skjetta dwar min għandu l-fakulta` jiffirma għall-applikazzjoni u l-eventwali ħruġ tal-passaport tal-minuri.

23. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-kura u kustodja ngħatat lill-attriċi ma jfissirx li għandu jkollha l-fakolta` li tapplika għall-ħruġ ta' passaport għall-

minuri mingħajr il-ħtieġa li l-konvenut jiffirma. Il-passaport hu dokument ta' vjaġġar, u għalhekk ikun utli li fejn possibbli ż-żewġ ġenituri jiffirmaw għall-ħruġ tal-istess. Dan irrispettivament min mill-ġenituri jkollu l-kura u kustodja tat-tfal.

Aċċess.

24. It-tieni aggravju tal-appellata huwa jitratta dwar l-aċċess stabbilit fis-sentenza appellata. Tilmenta li nbidlu bla bżonn il-ġranet tal-aċċess, kif ukoll għaliex hemm nuqqas ta' dettall. F'din il-parti tas-sentenza ser jiġi wkoll ikkunsidrat l-ilment tal-konvenut li l-aċċess hu ftit wisq.

25. L-appellata talbet li l-aċċess tal-konvenut jinbidel kif ġej:

i. nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa immedjatament wara l-iskola sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.) billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa. Il-konvenut jaqbel ma' dan l-arranġament iżda jixtieq li dak l-aċċess jiżdied sad-9:00p.m. f'ġranet meta l-għada tinzerta festa pubblika jew xi vaganza tal-iskola u għalhekk il-minuri ma jkollux ħtieġa ikun id-dar sat-8:00p.m. sabiex jipprepara għall-għada;

ii. L-aċċess fil-weekend ikun b'mod alternat, darba mill-Ġimgħa fil-5:00p.m. sal-għada s-Sibt fil-5:00p.m. u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fil-

5:00p.m. sal-għada l-Ħadd fil-5:00p.m. u f'kull każ il-minuri jinġabar u jitwassal quddiem l-Għassa tal-Mellieħa, b'dan pero` li jkun hemm *weekend* fix-xahar fejn kull parti jkollha *weekend* sħiħ mal-minuri. Il-konvenut ma jaqbilx ma' din l-aħħar parti u jsostni li l-aċċess fil-weekend għandu jibqa' kif stabbilit mill-ewwel Qorti;

iii. fil-*mother's day,* irrispettivament mill-aċċess li normalment isir, il-minuri jqatta' il-ġurnata mal-omm. Il-konvenut jaqbel;

iv. fil-*father's day,* irrispettivament mill-aċċess li normalment isir, il-minuri jqatta' il-ġurnata mal-missier. Il-konvenut jaqbel;

v. Lejlet il-Milied u fil-ġurnata tal-Milied l-aċċess ikun b'mod alternat kull sena, ċioe`, sena mal-omm lejlet il-Milied u mal-missier fil-ġurnata tal-Milied u s-sena ta' wara mal-missier lejlet il-Milied u mal-omm fil-ġurnata tal-Milied, etc. Il-konvenut jaqbel;

vi. Lejlet l-Ewwel tas-Sena u fil-ġurnata tal-Ewwel tas-Sena l-aċċess ikun b'mod alternat kull sena, ċioe`, sena mal-omm lejlet l-Ewwel tas-Sena u mal-missier fil-ġurnata tal-Ewwel tas-Sena u s-sena ta' wara mal-missier lejlet l-Ewwel tas-Sena u mal-omm fil-ġurnata tal-Ewwel tas-Sena, etc. Il-konvenut jaqbel;

vii. fil-ġurnata tal-Għid l-aċċess ikun b'mod alternat kull sena, ossija, sena mal-konvenut u sena mal-attriċi. Il-konvenut jaqbel;

viii. fil-ġurnata ta' għeluq snin il-minuri l-konvenut għandu jkollu aċċess mill-anqas sagħtejn f'każ illi tali ġurnata taħbat matul il-ġimgħa jew erba' siegħat f'każ li tali ġurnata taħbat fil-*weekend.* Il-konvenut jaqbel;

ix. fil-ġurnata ta' għeluq snin l-omm – il-konvenut ma jkollux aċċess għall-minuri;

x. fil-ġurnata ta' għeluq snin il-konvenut, jekk taħbat ġurnata ta' skola, l-aċċess għall-minuri jkun mill-4:00p.m. sat-8:30p.m. u f'każ li l-ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd mill-10:00am sas-7:00pm. Il-konvenut jaqbel b'dan illi f'każ ta' ġurnata skolastika l-aċċess jiġi eżerċitat direttament wara l-iskola;

26. L-appellant wieġeb inoltre li l-minuri għandu jitħalla jattendi festini tal-familja taż-żewġ naħat irrispettivament meta jkunu u kif ukoll ikollu l-liberta` li jagħmel kuntatt telefoniku maż-żewġ partijiet kif ukoll familjari oħra irrispettivament għand min ikun.

27. Dwar l-aċċess din il-Qorti ser tiddeċiedi li:

i. matul il-ġimgħa, nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa mit-tmienja ta' filgħodu (8:00am) jew immedjatament wara l-iskola/skola Sajf (skont il-każ) sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.) billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa, iżda f'dawk il-ġranet fejn l-għada tinzerta festa pubblika jew matul il-vaganzi l-aċċess idum sad-9:00p.m. Il-ġenitur li miegħu ikun il-minuri wara l-iskola huwa responsabbli sabiex il-minuri jlesti l-*homework* u studju ieħor li jkun imiss li jsir f'dik il-ġurnata kif ukoll li jwasslu għall-privat jew attivitajiet oħra extra-kurrikulari li jista' jkollu fil-ħin li jkun miegħu/magħha;

ii. l-aċċess fil-weekend ikun ġimgħa li jibda l-Ġimgħa fil-ħamsa (5:00 pm) u jispiċċa s-Sibt fil-ħamsa (5:00pm), filwaqt li l-ġimgħa ta' wara jibda s-Sibt fil-ħamsa (5:00 pm) sal-Ħadd fil-ħamsa (5:00 pm);

iii. fil-*mother's day,* il-minuri jqatta' il-ġurnata mal-omm Jekk tinzerta ġurnata meta l-konvenut għandu aċċess għal ibnu, minflok l-aċċess isir mill-Ġimgħa fil-5:00 pm sas-Sibt fil-5:00 pm.

iv. fil-*father's day,* irrispettivament mill-aċċess li normalment isir, il-minuri jqatta' il-ġurnata mal-missier mit-tmienja ta' filgħodu

(8:00a.m.) sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.) billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa;

v. Lejliet il-Milied u fil-ġurnata tal-Milied, irrispettivament mill-aċċess li normalment isir, l-aċċess ikun b'mod alternat kull sena, billi mill-Milied ta' 2021 il-minuri jqatta' lejliet il-Milied mal-omm u jum il-Milied mit-tmienja ta' filgħodu (8:00a.m.) sal-għada fl-istess ħin mal-missier billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa. Is-sena ta' wara (Milied 2022) il-minuri jqatta' lejliet il-Milied mit-tmienja ta' filgħodu (8:00a.m.) sal-għada fl-istess ħin mal-missier u l-ġurnata tal-Milied mit-tmienja ta' filgħodu (8:00a.m.) 'l quddiem mal-omm, dejjem billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa. L-aċċess fl-imsemmija ġranet ikompli jalterna b'dak il-mod fis-snin ta' wara.

vi. Lejlet l-Ewwel tas-Sena u fil-ġurnata tal-Ewwel tas-Sena, irrispettivament mill-aċċess li normalment isir, l-aċċess ikun b'mod alternat kull sena, billi l-ewwel darba mid-data ta' din is-sentenza l-minuri jqatta' lejliet l-Ewwel tas-Sena (31.12.2021) mit-tmienja ta' filgħodu (8:00a.m.) sal-għada fl-istess ħin mal-missier u l-ġurnata tal-Ewwel tas-Sena 2022 mit-tmienja ta' filgħodu (8:00a.m.) 'l quddiem mal-omm billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa. Is-sena ta' wara l-minuri jqatta' lejliet l-Ewwel tas-Sena (31.12.2022) mal-omm u l-ġurnata tal-Ewwel tas-

Sena 2023 mit-tmienja ta' filgħodu (8:00a.m.) sal-għada fl-istess ħin mal-missier dejjem billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa.  Fis-snin ta' wara ikomplu jalternaw b'dan il-mod;

vii. fil-ġurnata tal-Għid l-aċċess ikun b'mod alternat kull sena, ossija, sena mal-konvenut mit-tmienja ta' filgħodu (8:00a.m.) sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.) billi jitwassal u jinġabar quddiem l-Għassa tal-Mellieħa, u s-sena ta' wara mal-attriċi.  B'effett minn din is-sena l-minuri jqatta' l-ġurnata tal-Għid mal-konvenut;

viii. fil-ġurnata ta' għeluq snin il-minuri, f'każ li t-tifel ikollu l-iskola l-konvenut ikollu aċċess mill-ħin li tispiċċa l-iskola sas-sitta ta' filgħaxija (6:00p.m.).  Dan irrispettivament jekk tkunx ġurnata meta suppost ikollu aċċess għat-tifel. B'dan li jekk jinzerta li ma jkollux skola, l-aċċess ikun mill-erbgħa ta' wara nofsinhar sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.);

ix. fil-ġurnata ta' għeluq snin l-omm it-tifel iqatta' l-ġurnata magħha, irrispettivament jekk il-gurnata tinzerta li l-konvenut għandu aċċess skont l-ordni tal-Qorti.

x. fil-ġurnata ta' għeluq snin il-konvenut, jekk tali ġurnata taħbat ġurnata ta' skola, l-aċċess għall-minuri jkun minn wara l-iskola sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.). u f'każ li l-ġurnata taħbat

f'ġurnata meta t-tifel ma jkollux skola, l-aċċess ikun mill-għaxra ta' filgħodu (10:00a.m.) sat-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.).

28. Oltre dan, il-minuri għandu jkollu l-liberta` li jagħmel kuntatt telefoniku maż-żewġ partijiet kif ukoll familjari oħra irrispettivament għand min ikun. Madanakollu, il-partijiet u l-familji rispettivi m'għandhomx jużaw din il-fakolta` sabiex joħolqu pressjoni żejda u tensjoni bla bżonn fuq il-minuri meta jkun mal-ġenitur l-ieħor.

Manteniment

29. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti tilmenta dwar il-manteniment li ordnat l-ewwel Qorti u tikkontendi li l-istess għandha tkun '*mill-anqas ta' €350 fix-xahar b'dan li jkun hemm ordni ta' ħlas f'ġurnata partikolari ... liema manteniment ikun jinkludi l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni u l-intimat ma jkollu ebda obbligu ieħor relatat ma' ħlas ad eċċezzjoni tal-attivitajiet tal-pjanu u l-għum li għandhom jibqgħu jitħallsu esklussivament mill-intimat appellant'.* Dan in vista tal-fatt li s-sistema kurrenti fejn hija suppost qed tiġbor nofs l-ispejjeż minnha nkorsi għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri mingħand il-konvenut mhix taħdem u l-konvenut mhux iħallas.

30. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-ordni tal-ewwel Qorti għandha tinbidel. Mhuwiex magħruf kemm ser ikunu l-ispejjeż mediċi u ta' edukazzjoni għal kull sena. Hu veru li m'hemmx komunikazzjoni bejn il-partijiet, madankollu m'hemmx biżżejjed tagħrif sabiex il-Qorti tistabbilixxi somma fissa li tinkludi nofs l-ispejjeż mediċi u tal-edukazzjoni.

Spejjeż Ġudizzjarji

31. Permezz tal-aħħar aggravju l-attriċi tilmenta illi l-ewwel Qorti ordnat li l-partijiet iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji nofs bin-nofs. L-ewwel Qorti ma spjegatx għalfejn iddeċidiet hekk. Fir-realta` l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi. Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li għandu japplika l-prinċipju ġenerali li t-tellief jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzjarji.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad l-appell tal-konvenut b'dan li fir-rigward tal-aċċess tal-minuri tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti bil-mod spjegat f'paragrafu 27 ta' din is-sentenza.
2. Tiċħad l-ewwel u tielet aggravji tal-appell inċidentali. Tilqa' sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq l-aggravji tnejn u erbgħa u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li l-aċċess tal-konvenut għandu jiġi eżerċitat bil-mod spjegat f'paragrafu 27 ta' din is-

sentenza, u l-ispejjeż ġudizzjarji tal-ewwel stadju huma a karigu tal-konvenut.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.
4. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal wieħed minn disgħa ($^{1}/_{9}$) a karigu tal-attriċi u tmienja minn disgħa ($^{8}/_{9}$) a karigu tal-konvenut, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr